

**Il-Ġisem u d-Demm Għażiż tal-Mulej** | Il-Ħadd 19 ta' Ġunju 2022

# Aħbar Tajba

Ġen 14, 18-20
Salm 109 (110), 1.2.3.4
1 Kor 11, 23-26
Lq 9, 11b-17

Iżda hu qalilhom: "Agħtuhom intom x'jieklu."
**Qalulu: "Ma għandniex aktar minn ħames ħobżiet u żewġ ħutiet..."**

Kultant Ġesù kien joħroġ b'kull waħda! Immaġina li kont wieħed mill-appostli u jgħidlek biex tara kif issib ikel biżżejjed għal aktar minn ħamest elef persuna. Probabbilment anqas kien ikollok flus biżżejjed biex jieklu tnejn, aħseb u ara ħamest elef!

Imma Ġesù ma kienx qed jippretendi daqshekk. Kien jaf li qed jitlob xi ħaġa impossibbli għalihom imma fl-istess ħin xtaq jimbotta ftit l-appostli biex jara x'jagħmlu. Jaqtgħu qalbhom? Jaħsbuh ma jafx x'inhu jgħid? Jew jippruvaw jaraw x'jirnexxilhom isibu? L-għażla tagħhom kienet l-aħħar waħda, għalkemm mal-ewwel daqqa t'għajn ma dehritx xi suċċess mill-kbar għax kulma sabu kien tifel li kellu ħames ħbejżiet u żewġ ħutiet żgħar – kemm tiekol persuna waħda. Imma dak li għall-appostli deher falliment, għal Ġesù kien sinjal li l-appostli kienu qed jippruvaw jagħmlu mill-aħjar u minn hawn Ġesù jieħu r-riedni f'idejh u jagħmel mill-ftit ikel li sabu, ikla mill-kbar nett.

F'ħajjitna mhux l-ewwel darba li jiġrilna xi ħaġa simili. Kultant niltaqgħu ma' diffikultajiet li naħsbuhom kbar wisq għalina u naħslu nibdew naqtgħu qalbna. Din tiġri lil kulħadd. Imma quddiem dawn id-diffikultajiet dejjem għandna żewġ toroq li nistgħu nagħżlu: jew naqtgħu qalbna u naħarbu, inkella nippruvaw nagħmlu l-aħjar li nistgħu u naraw x'jiġri.

L-appostli fil-Vanġelu tal-lum juruna li meta ma naqtgħux qalbna u nippruvaw nagħmlu li nistgħu, Alla jipprovdilna lil min jgħinna nispiċċaw dak li bdejna.

L-importanti hu li ma naqtgħux qalbna u li nemmnu li hemm Hu magħna. Ħafna drabi l-għajnuna li jibagħtilna tkun mingħand dawk l-aktar qrib tagħna – il-ġenituri tagħna, ħutna jew xi zijiet u kuġini. Kultant din l-għajnuna tiġi mingħand l-akbar ħbieb tagħna li jifmhu eżatt minn xiex inkunu għaddejjin. U xi drabi din l-għajnuna tiġi mingħand xi ħadd li ma tkunx tistenna.

Is-sigriet hu li nħalluhom jgħinuna, għax kultant għandna ħabta li fil-mumenti tal-bżonn ningħalqu fina nfusna u nispiċċaw nagħlqu l-bieb lil dawk li jistgħu jgħinuna. Għajnuna kbira biex dan ma jiġrix hu t-talb. It-talb minnu nnifsu ma jħalliniex ningħalqu fina nfusna u barra li jiftaħna għal Alla, f'dawn il-mumenti diffiċli jgħinna naraw l-id ta' Alla fin-nies ta' madwarna li jgħinuna.

## Sib il-Kelma

**Fost l-ittri t'hawn taħt għandek issib ħdax-il kelma moħbija marbuta mas-silta li għadna kif qrajna. Aqbad lapes u dur dawn l-ittri biex issib il-kliem mistur.**

FOLOL, NIES, IKEL, ĦOBŻIET, ĦUTIET, TNAX, GRAZZI, NISA, RĠIEL, TFAL, MIRAKLU.

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| T | E | X | V | IE | M | Ħ | T | M | V |
| N | O | GĦ | A | S | E | O | R | L | Ħ |
| E | M | F | N | J | D | B | F | T | U |
| X | I | T | IE | I | K | Ż | O | F | T |
| I | R | N | S | R | Ġ | IE | L | A | IE |
| GĦ | A | A | S | G | B | T | O | L | T |
| Ċ | K | X | P | I | X | N | L | GĦ | F |
| J | L | A | O | E | V | I | K | E | L |
| S | U | R | T | L | W | S | P | Ż | E |
| P | I | Z | O | G | R | A | Z | Z | I |



Aghti l-kulur



## Talba ta' San Tumas

San Tumas ta' Akwinu huwa wieħed mill-qaddisin il-kbar li ħadem biex napprezzaw aktar l-Ewkaristija. Fost il-ħafna kitbet tiegħu nsibu din it-talba.

Mulej, nitolbok biex ma tqisnix bħala ħati
talli rċevejt din it-tqarbina mqaddsa,
iżda agħmel li tkun tiswieli għall-maħfra
ta' dnubieti u għas-salvazzjoni tiegħi.
Ħa tkun għalija l-armatura tal-fidi
u t-tarka tar-rieda tajba.

Agħmel li hija tkunli l-qawwa
li teħlisni mill-vizzji tiegħi,
teqred fija x-xewqat u l-ġibdiet ħżiena,
tkattar fija l-imħabba u s-sabar,
l-umiltà, l-ubbidjenza u kull virtù.

Ħa tkun hi li tħarisni u tqawwini
kontra t-tnassis tal-għedewwa tiegħi,
dawk li jidhru u dawk li ma jidhrux.



Aħbar **Tajba** hija inizjattiva tal-Media Centre flimkien mal-Fondazzjoni YOUTHEME u tiddependi mill-ħidma ta' diversi voluntiera u benefatturi. Għandna bżonn ukoll ta' ħafna talb biex din il-ħidma tħalli l-frott mixtieq. Min jixtieq jgħin, finanzjarjament, bit-talb jew b'xi ħidma oħra jista' jibagħtilna fuq

**info@sayitmalta.com**

Grazzi.






**Promozzjoni**

# Issa tista' tirreklama fuq dan il-fuljett

Dan il-fuljett joħroġ kull ġimgħa u jitqassam fil-parroċċi kollha ta' Malta u Għawdex.

Ċemplilna fuq 2569 9100

mediacentre

design • video production • animation • publishing • web

**AGĦŻEL PRODOTTI LI JIBDLU ĦAJJET IN-NIES GĦALL-AĦJAR!**

**AGĦŻEL IL-KUMMERĊ ĠUST**



**SAY IT!**
**ĦANUT TAL-KUMMERĊ ĠUST**
www.sayitmalta.com - info@sayitmalta.com
32 Tarxien Road Paola



AĦBAR **TAJBA** hija pubblikazzjoni tal-Media Centre flimkien ma' SayIt Publications u YouTheme Foundation. Min jixtieq jagħti kontribuzzjoni finanzjarja jew jordna aktar kopji ta' dan il-fuljett jista' jibagħtilna *email* fuq *info@sayitmalta.com* jew iċempel fuq 2569 9100. Għal aktar informazzjoni żur **www.mediacentre.com.mt**